**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 176/08VG**

**L-Onor. Giovanna Debono**

**Vs**

**Kurt Farrugia**

**Illum 20 ta' Frar 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Giovanna Debono fis-16 ta' April 2008 permezz ta' liema titlob li previa li l-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li l-artikolu "Bitterly bitten Nadur families fight back, claim 'abuse of power' by Giovanna", ippubblikat fis-7 ta' April 2008 fil-gazzetta elettronika 'maltastar.com", ta' liema artikolu Kurt Farrugia kien l-awtur u ta' liema gazzetta l-istess Kurt Farrugia kien editur, huwa libelluż u malafamanti fil-konfront tagħha u għandu bħala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tagħha, tikkundanna lil Kurt Farrugia jħallasha dik is-somma determinata mill-Qorti bħala danni morali a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Liġi dwar l-Istampa, Kap.248 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-ispejjeż kontra Kurt Farrugia;

Rat l-artikolu intitolat "Bitterly bitten Nadur families fight back, claim "abuse of power" by Giovanna" ippubblikat fis-7 ta' April 2008 fil-gazzetta elettronika maltastar.com, anness mar-Rikors promotur a fol. 2 u 3 tal-proċess;

Rat ir-Risposta tal-konvenut permezz ta' liema jeċċepixxi illi: (i) il-premessi u t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra tagħha; (ii) mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, il-pubblikazzjoni imsemmija mill-attriċi ma hijiex libelluża fil-konfront tagħha; (iii) il-fatti imsemmija fl-artikolu indikat mill-attriċi jikkonsistu f'rappurtaġġ ġurnalistiku dwar materja ta' interess pubbliku attwali aċċettabbli f'soċjetà demokratika, kemm taħt il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, kif ukoll taħt il-liġijiet ta' l-Istampa; (iv) subordinatament u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, fejn tikkontjeni kummenti jew opinjonijiet, il-pubblikazzjoni in kwistjoni tikkonsisti wkoll

f'espressjoni ta' l-opinjoni w apprezzament jew *value judgement* tal-ġurnalist u hija *fair comment* magħmul in buona fede fuq materja ta' interess pubbliku, ammissibbli kemm taħt il-Liġi ta' l-Istampa, kemm taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem;

Semgħet ix-xhieda ta' l-attriċi mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2008[1] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "CSH" a fol. 14 sa' 17 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tal-konvenut mogħtija waqt is-seduti tat-12 ta' Marzu 2009[2], tas-16 ta' Settembru 2009[3] u tat-8 ta' Novembru 2012[4], rat is-sentenza fl-ismijiet "Andrew Vella et v. Kummissarju ta' l-Art et" Rik. Nru. 40/08 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-23 ta' April 2010 esebita mill-attriċi permezz ta' Nota ippreżentata fis-26 ta' April 2012 a fol. 48 sa' 67 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Lorena Vella mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2015[5] u rat id-dokumenti markati Dok. "KF1" sa' Dok. "KF5" esebiti mill-konvenut permezz ta' Nota ppreżentata fil-21 ta' Mejju 2015 a fol. 99 sa' 128 tal-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni l-attrici tikkontesta artikolu intitolat "Bitterly bitten Nadur families fight back, claim "abuse of power" by Giovanna" ippubblikat fuq il-gazzetta elettronika maltastar.com fis-7 ta' April 2008. Hija titlob illi prevja dikjarazzjoni li l-imsemmi artikolu, li tiegħu l-konvenut kien l-awtur, ippubblikat fil-gazzetta elettronika maltastar.com, li tagħha l-konvenut kien l-Editur, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tagħha u għandhu bħala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tagħha, il-konvenut jiġi kkundannat iħallasha dik is-somma determinata mill-Qorti bħala danni morali a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Liġi dwar l-Istampa, Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-konvenut jilqa' għat-talbiet attriċi bl-eċċezzjonijiet illi: (i) il-premessi u t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra tagħha; (ii) mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, il-pubblikazzjoni imsemmija mill-attriċi ma hijiex libelluża fil-konfront tagħha; (iii) il-fatti imsemmija fl-artikolu indikat mill-atturi jikkonsistu f'rappurtaġġ ġurnalistiku dwar materja ta' interess pubbliku attwali aċċettabbli f'soċjetà demokratika, kemm taħt il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, kif ukoll taħt il-liġijiet ta' l-Istampa; (iv) subordinatament u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, fejn tikkontjeni kummenti jew opinjonijiet, il-pubblikazzjoni in kwistjoni tikkonsisti wkoll

[1] Fol. 12 u 13 tal-proċess.
[2] Fol. 21 tal-proċess.
[3] Fol. 24 u 25 tal-proċess.
[4] Fol. 70 sa' 75 tal-proċess.
[5] Fol. 85 sa' 96 tal-proċess.

f'espressjoni ta' l-opinjoni w apprezzament jew *value judgement* tal-ġurnalist u hija *fair comment* magħmul in buona fede fuq materja ta' interess pubbliku, ammissibbli kemm taħt il-Liġi ta' l-Istampa, kemm taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

L-artikolu kontestat b'dawn il-proċeduri intitolat "Bitterly bitten Nadur families fight back, claim "abuse of power" by Giovanna" u ppubblikat fil-gazzetta elettronika maltastar.com fis-7 ta' April 2008 jaqra hekk: *Nadur families who were bitterly bitten by a shameful eleventh hour State manoeuvre to steal a piece of land they own are alleging abuse of power by Gozo Minister Giovanna Debono who 'in the few days she was Acting Prime Minister she recommended the expropriation of land in front of her driver's house." In reply to a petition filed by the Commissioner of Lands late last week, on Monday the landowners said: "We find it incredible that the Commissioner of Lands after numerous attempts to stop the execution of the court sentence, and in the lights of carelessness, now we have the beginning of a dirty manoeuvre which is nothing more than abuse of power". The reply was signed by lawyer Toni Abela who is legal counsel to Andrew and Lorena Vella and Olimpia and Michael Borg, who own a piece of developable land in an area known as Ta' Truppu, Nadur. On Saturday maltastar.com exclusively revealed how, donning the mantle of Acting Prime Minister, Giovanna Debono took advantage of her role to recommend the acquisition of a piece of land which makes part of a belvedere mysteriously developed in front of her driver's house in Nadur. maltastar.com's serious revelations remained unchallenged by either the Gozo Ministry or the Office of the Prime Minister. The belvedere, it is now transpiring, was built with the sole intention of impeding families who own land in the area from developing their land. Any development would block the splendid sea and country views which the Gozo Minister's driver has from his home. A 2004 Court judgment by Magistrate Paul Coppini, had declared that the belvedere in Nadur was built irregularly on private property and that the owners of the land in question had the right to build a boundary wall to delineate their property. This decision was never executed because of strong political interference and appeals lodged by the Lands Commissioner to delay the process. Once the Court last January gave a date for the execution of the 2004 sentence, the Lands Commissioner asked the court to postpone the removal of the belvedere because of the proximity to local council elections, since the Nadur local council who owns the street furniture was not constituted. The petition was upheld and the execution upheld for 5 April. But in a dramatic eleventh hour move, on 3 April, the families were faced with an order for the expropriation of land for public use by government. The land expropriated by government was the part which the Court decided should be given back to the owner*[6].

Dwar dan l-artikolu l-attriċi ddikjarat illi *l-artiklu jgħid li fil-pożizzjoni tiegħi ta' Acting Prime Minister f'dik il-ġurnata partikolari jiena abbużajt mill-kariga tiegħi u jagħmlu riferenza għal expropriation li kienet dehret fil-*

[6] Fol. 2 u 3 tal-proċess.

*Gazzetta tal-Gvern dik t'April tas-sena 2008 fejn iħalltu żewġ avviżi ma' xulxin. Qed nesebixxi l-Gazzetta tal-Gvern in kwistjoni li l-Qorti qed timmarka bħala dokument CSH. Qed nagħmel referenza għal avviż numru 284 tas-sena 2008 li ġie mħallat ma' l-avviż 285/08. Nixtieq ngħid li fil-kariga tiegħi ta' Acting Prime Minister din m'għandha x'taqsam xejn ma' acquisition of land fejn tirreferi għal akkwist ta' l-art iffirmata mill-President ta' Malta. L-expropriation of land fl-ebda hin ma tgħaddi minn idejn il-Prim' Ministru jew l-uffiċju tiegħu. Il-kwistjoni li tikkonċerna biss l-Onorevoli Ministru tal-Lands u tiġi ffirmata mill-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta. B'hekk nerga' nagħmel riferenza għall-artikolu li deher* fil-maltastar.com *li jien abbużajt mill-poter ta' Acting Prime Minister m'għandu l-ebda link bejn il-kariga tiegħi ta' Acting Prime Minister u l-ħruġ ta' expropriation of land b'hekk jiena ħassejtni urtata bil-kontenut ta' dan l-artiklu u dan għaliex il-poter ta' l-Acting Prime Minister m'għandu x'jaqsam xejn ma' l-expropriation of land u kien għalhekk li jien ħassejtni nġurjata bl-artiklu li deher fil-gazzetta elettronika*[7].

Il-konvenut da parte tiegħu, filwaqt li kkonferma li kien kemm l-awtur ta' l-artikolu in kwistjoni kif ukoll l-editur tal-gazzetta elettronika maltastar.com fiż-żmien meta ġie ppubblikat l-istess imsemmi artikolu[8], spjega li l-artikolu in kwistjoni kien ġie ppubblikat wara li *kienu resqu lejna fin-Newsroom Lorena u Andrew Vella li huma proprjetarji ta' biċċa art fin-Nadur li hija tagħhom u xtaqu jiżviluppawha biex jgħixu fiha. Wara din l-art, fejn kienet l-art, kien joqgħod id-driver tal-Ministru Giovanna Debono. Qamet kwistjoni minħabba li minflok l-art ta' Lorena u Andrew Vella sar belvedere u ġie żviluppat dan il-belvedere. Infethet kawża l-Qorti. ... Kien hemm diversi kawżi u waħda minnhom kienet ta' Lorena u Andrew Vella u deċiżjoni tal-Qorti fl-2004 tal-Maġistrat Paul Coppini ħareġ li l-belvedere kien ġie żviluppat kontra l-liġi. Minn dak iż-żmien 'l hawn ovvjament ma setgħux jiżviluppaw l-art tagħhom, baqa' jkun hemm kwistjonijiet fuq dina l-art. F'Jannar ta' l-2008 il-Qorti iddeċidiet li din il-kawża tiġi executed jiġifieri li ma jistgħux ikunu jibqgħu. ... Il-każ kien għall-inqas fl-istorja li konna qegħdin insegwu kien ħareġ li hemm fl-area joqgħod id-driver tal-Ministru Giovanna Debono, kien hemm kwistjoni ovvjament mhux id-driver stess imma anke n-nies li joqgħodu hemm li ma riedux li quddiemhom tinbena dik l-area biex jibqgħu jgawdu l-veduta. Li ġara kien li fl-istess ġurnata li fuq il-Gazzetta tal-Gvern f'daqqa waħda nħarġet l-akkwist ta' din il-biċċa art ta' Andrew Vella, hemm li se tittieħed din l-art. Inzerta li fl-istess ġurnata li ħareġ dan l-avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern kien hemm avviż ieħor li Giovanna Debono kienet qed tinħatar Aġent Prim' Ministru f'dawk il-jiem minħabba li l-Prim' Ministru kien barra fuq impenji bħala Prim' Ministru u l-familja resqet lejn il-gazzetta biex tgħid li hi qed tħoss li apparti li sofriet l-inġustizzji matul dawk is-snin kollha, dan huwa abbuż ta' poter u proprju dak li ktibna*[9].

In kontro-eżami l-konvenut ikkonferma li fl-artiklu in kwistjoni ġie rrappurtat dak allegat mal-gazzetta minn Lorena u Andrew Vella u għall-mistoqsija

---

[7] Xhieda ta' l-attriċi mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2008, fol. 12 u 13 tal-proċess.
[8] Vide xhieda tal-konvenut mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2009, fol. 21 tal-proċess u x-xhieda tal-konvenut mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2012, fol. 70 sa' 75 tal-proċess.
[9] Xhieda tal-konvenut mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2012, fol. 70 sa' 75 tal-proċess.

*Giovanna Debono bħala Ministru t'Għawdex u l-Prim' Ministru, ivverifikajt inti jekk għandhomx x'jaqsmu ma' esproprjazzjoni?* il-konvenut wieġeb *le.* Għall-osservazzjoni *jiġifieri jekk ngħidlek li m'għandhom x'jaqsmu xejn la l-Prim' Ministru ...* il-konvenut iddikjara *jien ivverifikajt li fuq l-istess Gazzetta tal-Gvern kien hemm li Giovanna Debono nħatret Aġent Prim' Ministru. Eżatt taħtha l-akkwist ta' l-art min-naħa tal-Gvern* u għall-mistoqsija ulterjuri *imma jiġifieri, l-ewwel qed nissuġerilek, issa tista' tgħidli ma nafx fl-aħħar, imma qed nissuġerilek jien illi l-Prim' Ministru u l-Ministru t'Għawdex m'għandhom x'jaqsmu assolutament xejn mal-proċess ta' esproprjazzjoni. Dak hemm Ministru ieħor hu jrid imexxi, imbagħad jgħaddihom hu lill-President* il-konvenut wieġeb *jien qed ngħid li tant kien hemm il-Ministru Giovanna Debono involuta matul il-kwistjoni kollha anke permezz tad-driver tagħha minħabba li kien hemm fil-każ hi dejjem kellmu lilha, anke f'każijiet oħrajn. ... Kien hemm diversi każijiet fejn anke l-familji. Il-familja stess resqet lejn il-Ministru.* Għall-mistoqsija *u x'qaltilhom hi jiġifieri jekk taf irrapurtawlek dan id-diskors x'qaltilhom li m'għandhiex x'taqsam?* il-kovnvenut wieġeb *ma nafx x'qaltlilhom, però kien hemm id-driver tal-Ministru hemmhekk u inzerta li fl-istess ġurnata li hija Aġent Prim' Ministru inħarġet l-akkwist ta' l-art.* Għall-mistoqsija ulterjuri *naqblu li l-proċess ta' expropriation biex ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern, ovvjament ġrat qabel għax hi għadha se tilħaq jew laħqet mil-llum, mill-pubblikazzjoni?* il-kovenut wieġeb *naqblu* u għall-mistoqsija ulterjuri *naqblu li almenu l-printing isir imqar lejliet? Meta għadha m'hijiex jiġifieri acting Prime Minister. Mela llum ħareġ l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern illi b'effett mil-llum fl-assenza tal-Prim' Ministru għal jumejn li ġejjin, Giovanna Debono se tkun acting Prime Minister?* il-konvenut wieġeb *flimkien ħarġu naqblu* u mistoqsi ulterjorment *naqblu illi huwa impossibbli jiġifieri l-fatt li qed jidhru fl-istess ġurnata li inti tgħidli hi qed tabbuża bħala acting Prime Minister. Naqblu almenu fuq hekk?* il-konvenut wieġeb *il-familja qed tgħid u jien qed nirrapporta.* Għall-mistoqsija *jiġifieri int qed tgħidli li int ma vverifikajtx u għax qalulek huma ġibtha din?* il-konvenut wieġeb *il-kawża ilha mill-2004. Kien hemm diversi istanzi, jiena mhux dan il-każ biss irrappurtajt, irrappurtajt il-każ minn qabel. ... kien hemm kawża li fl-2004 ġiet deċiża, ittawlu l-affarijiet sa' Jannar 2008, meta ġiet biex tiġi esegwita l-kawża, ftit wara nħareġ dan l-akkwist ta' l-art.* Għall-mistoqsija tal-Qorti *il-mistoqsija ta' Dr. Zammit Maempel hija sempliċi ħafna. Taqbel illi l-proċess ta' l-esproprjazzjoni biex finalment ġie ippubblikat fil-fatt kien komplut minn qabel dik il-pubblikazzjoni?* il-konvenut wieġeb *le, ma nkunx naf.* Mistoqsi ulterjorment *anke l-loġika trid twasslek li biex isir proċess ta' expropriation hemm xi ħaġa, xi ħadd irid imur ikejjel, irid jagħmel valutazzjoni l-Perit, imbagħad se toħroġ fl-aħħar fil-Gazzetta tal-Gvern li saret expropriation u li l-Perit tad-dipartiment stmaha X Euros. Jiġifieri ma jistgħux isiru fis-sigħat li qiegħda acting Prime Minister għax din toħroġ għandu jkun fid-9 ta' filgħodu tista' tixtriha?* il-konvenut wieġeb *jiena naf u anke irrappurtajt qabel li l-Ministru kellha sehem anke fi stanzi oħrajn matul is-snin.* Mistoqsi *skond int kif abbużat mill-kariga li kellha ta' acting Prime Minister?* il-konvenut wieġeb *dawn il-familji li japproċjaw lil* maltastar.com *qed jgħidu li kein hemm abbuż ta' poter min-naħa ta' Giovanna Debono.* Għall-mistoqsija ulterjuri *imma issa tajjeb jew ħażin qalulek u inti issa qiegħed l-editur responsabbli li fl-aħħar trid teditja u tiskarta l-imbarazz. Inti trid*

*tirrispondi, kif int ħallejt u ppermettejt li tiġi ppubblikata xi ħaġa li qed jgħidu huma li ovvjament inti suppost stqarrejtha li int qed tgħid isma ħa nippubblikaha din għax veru li din abbużat mill-kariga tagħha ta' Acting Prime Minister?* il-konvenut wieġeb *jiena ħassejtha anke minħabba diversi stejjer li konna segwejna qabel, li kelli nippubblika dik l-allegazzjoni*[10].

Kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Onor. John Dalli v. Gino Cauchi, Ċitaz. Nru. 2448/00** deċiża fid-9 ta' Ottubru 2002, ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Lulju 2005, *l-azzjoni ta' libell maħsuba fil-Kap. 248 trid titqies bħala azzjoni speċjali li l-għejjun tagħha fil-bidu kienu maħsuba li jwettqu forma ta' kontroll dwar dak li jinkiteb jew jiġi imxandar mill-ġurnali. Mal-medda tas-snin, ix-xejra bdiet iddur favur il-ħarsien tal-fama ta' l-individwu minn dak li jista' jinkiteb jew jingħad dwaru fil-mezzi stampati, fid-dawl tal-jedd l-ieħor fondamentali ta' l-espressjoni ħielsa tal-fehmiet ta' dak li jkun. L-azzjoni ta' libell hija għalhekk azzjoni eċċezzjonali li wieħed idur għaliha biss f'każ fejn l-unur u l-ġieħ ta' persuna jkunu jew imkasbrin jew miftuħa għad-disprezz tal-pubbliku b'dak li jingħad jew jiġi imxandar dwaru. Fil-qafas ta' dawn il-parametri, u kif imfissra mill-aktar sentenzi aġġornati tal-Qrati Maltin u barranin dwar din il-kwistjoni, l-għoti ta' rimedju li jingħata taħt azzjoni bħal din qiegħed kulma jmur ixaqleb lejn il-jedd ta' l-espressjoni ħielsa. Il-ħtieġa tal-ħarsien mill-liġi lill-unur u reputazzjoni ta' persuna m'għandux, b'riflessjonijiet u induzzjonijiet bla qies, joħonqu dan il-jedd ta' l-espressjoni ħielsa. Il-jedd ta' l-espressjoni ħielsa … kif imfisser fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta w ukoll fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, jiġbor fih il-jedd li kull persuna jkollha w iżżomm fehmiet bla ndħil minn ħadd u li tirċievi mingħand u tgħaddi lil ħaddieħor idejat u tagħrif bla ndħil. Minħabba dan il-jedd iġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, għandu jkun fih xi limitazzjonijiet kif imsemmi fil-liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika. Fost dawn il-limitazzjonijiet wieħed isib il-ħarsien tal-fama u tal-jeddijiet ta' persuni oħrajn mill-effetti ta' l-eżerċizzju tad-dritt ta' l-espressjoni ħielsa ta' dak li jkun. Ma jistax ikun, għalhekk, li l-istampa u l-meżżi l-oħrajn ta' komunikazzjoni ma jkunux milquta b'dawn il-limitazzjonijiet. Illi t-tifsir mogħti mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' każijiet lill-imsemmija dispożizzjonijiet tal-liġi jqis, fost oħrajn u b'mod ewlieni, is-siwi tad-dibattitu politiku ħieles bħala waħda mis-sisien fejjieda ta' stat demokratiku. Dan it-tifsir dejjem għaraf bejn kritika li ssir fil-konfront ta' persuna li hija imdaħla fil-ħajja pubblika (jew politika) u persuna li m'hijiex. Illi l-libell b'xandira jitwettaq kull meta ssir xi imputazzjoni li tista' ċekken lill-persuna li għaliha tirreferi (kemm jekk espressament jew b'implikazzjoni) fl-istima jew il-ġieħ tas-soċjetà lejha u dan billi timmira li taqta' lil dik il-persuna mill-istess soċjetà jew li tesponiha għad-disprezz jew mibegħda tagħha. Min-naħa l-oħra, il-kritika ta' persuna, l-iżjed jekk dik il-persuna tkun imdaħħla fil-qasam pubbliku, ma ssirx minnufih passibbli għas-sanzjonijiet tal-libell jekk kemm-il darba tkun waħda serja, oġġettiva u meqjusa, ukoll jekk tkun ħarxa u qawwija. Minn dan joħroġ li l-eżami ewlieni li għandu jagħmel il-ġudikant huwa dak li jqis jekk il-kliem ipubblikat jew*

[10] Xhieda tal-konvenut mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2012, fol. 70 sa' 75 tal-proċess.

*imxandar jikkawżaw lill-persuna li għaliha dik il-pubblikazzjoni jew xandira tirreferi nuqqas ta' stima f'għajnejn min ikun qraha jew semgħha. Tali 'udjenza' għandha tiġi meqjusa bħala qarrejja jew semmiegħa ta' dehen normali li jkunu taw lill-kliem pubblikat jew imxandar it-tifsira normali tiegħu. Illi għar-rigward ta' persuna fil-qasam pubbliku, u partikolarment fil-qasam politiku, il-livell ta' kritika li l-liġi tal-istampa tittollera huwa x'aktarx għoli, azzardat u wiesgħa u ċirkoskritt biss minn prova ta' ħażen jew infodatezza tal-fatti msemmija jew mid-diċenza pubblika jew xilja ta' abdikazzjoni ta' dmirijiet imposti fuqha. Meta l-persuna li għaliha ssir referenza fil-pubblikazzjoni jew ix-xandira li tkun m'hijiex persuna fiżika, imma waħda ġuridika, il-qilla tal-kritika u t-tolleranza tagħha hija usa' sal-grad li imbasta tkun tollerabbli f'soċjetà demokratika. F'dan il-każ il-prinċipju ta' l-espressjoni ħielsa huwa mirfud bil-kwistjoni ta' l-interess pubbliku li normalment jimmotiva l-kritika mistħoqqa li għandha ssir dwar persuna involuta fil-ħajja pubblika wkoll jekk il-kritika tolqot il-ħajja privat tal-personaġġ pubbliku. Illi għal dak li jirrigwarda l-għamla tal-kritika li ssir, jingħad li waħda mill-forom li tintuża hija l-kumment. Bħalma timplika l-kelma innifisha, kumment m'huwiex sempliċi stqarrija ta' fatt, imma tifsira ta' jew fehma dwar fatt li seħħ, ukoll jekk tkun tifsira preġudikata jew partiġġana. Fil-qasam politiku, imbagħad, il-kumment jista' jkun maħsub biex joħloq xkiel jew jagħmel ħsara politika lil xi persuna involuta jew biex saħansitra jqanqal disgwid jew taħwid fil-kamp politiku oppost. Illi huwa aċċettat li jekk il-kumment ikun "ġust", ma taqax taħt il-pieni tal-malafama jew tal-libell. Il-kwistjoni ta' kummenti li jitqiesu bħala 'ġusti' hija waħda li tagħti lok għal problemi kbar minħabba li mhix waħda ċara. Biex il-kumment ikun wieħed 'ġust', jeħtieġ li jkun imsejjes fuq ħwejjeġ li sostanzjalment seħħew u li jkunu l-fatti sħaħ. Jekk jirriżulta li l-fatt allegat ma kienx attwalment jeżisti, ma tkunx tista' tirċievi iktar id-difiża tal-kumment ġust. Il-fatt irid jiġi pruvat kif imiss minn min jallega l-kumment ġust dwaru, daqskemm tantieħor irid jipprova li s-suġġett li dwaru nkiteb tali kumment kienet wieħed ta' interess pubbliku u li l-kumment kien tassew wieħed 'ġust'. Kif jintwera li l-fatti msemmija jkunu sostanzjalment minnhom, ikun jifdal li jiġi mistħarreġ jekk il-fehma espressa dwarhom jew l-apprezzament jew kritika misluta minnhom kinitx fil-limiti tal-jedd ta' l-espressjoni ħielsa kif imfissra aktar qabel. Illi, fuq kollox, l-artikolu jew ix-xandira li trid tiġi mistħarrġa trid titqiegħed fl-isfond ta' l-attwalità u fil-qafas taċ-ċirkostanzi li tkun sar il-pubblikazzjoni jew xandira li tkun. Illi minkejja li maż-żmien il-ġurisprudenza żviluppat iżjed favur il-libertà ta' l-istampa bħala manifestazzjoni tad-dritt fondamentali ta' l-espressjoni ħielsa bħala għodda meħtieġa għall-iżvilupp demokratiku tas-soċjetà ċivili, għadu prinċipju ta' dritt li l-malafama voluta permezz ta' addebiti ta' fatti foloz maħsuba biex inaqqsu l-ġieħ u l-fama ta' persuna li lejha tkun diretta baqgħet ċensurabbli u milquta mis-sanzjonijiet tal-liġi.*

Filwaqt li dawn huma l-prinċipji ġuridiċi li l-Qorti għandha żżomm f'moħħha u issegwi fil-kuntest tal-proċeduri odjerni, ma jridx jintnesa li f'azzjoni ta' libell l-attur għandu l-obbliu li jipprova biss is-segwenti tlett elementi: (i) l-oġġett, pubblikazzjoni jew xandira li hi, huwa malafamanti; (ii) li dak l-oġġett kien jirreferi għalih; u (iii) li l-oġġett tqassam jew ixxandar u twassal lil terzi. Kif

jingħad mill-awturi l-iktar magħrufa fil-qasam tal-libell *these being the only essentials to found an action for defamation it follows that certain presumptions are made in favour of plaintiff*[11] u kif osservat fir-rigward mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-preċitata sentenza **Dalli v. Cauchi**, *fost tali presunzjonijiet, jitnisslu dawk li l-kitba (jew il-kliem f'xandira) m'hijiex minnha, u li l-attur ġarrab ħsara biha jew minħabba fiha.*

Fil-fehma tal-Qorti fil-każ in eżami ftit li xejn għandu jkun hemm dubju li l-attrici - Ministru Għal Għawdex fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' l-artikolu hawn kontestat - ippruvat it-tlett elementi minnha meħtiega, ossia:

(1) li l-artikolu in kwistjoni huwa malafamanti, dana riżultanti anke mill-kliem użat fil-konfront tagħha *abuse of power by Giovanna* fit-titolu ta' l-artikolu u fil-kliem, frażijiet u sentenzi bħal *on Saturday* maltastar.com *exclusively revealed how, donning the mantle of Acting Prime Minister, Giovanna Debono took advantage of her role to recommend the acquisition of a piece of land which makes part of a belvedere mysteriously developed in front of her driver's house in Nadur.* maltastar.com*'s serious revelations remained unchallenged by either the Gozo Ministry or the Office of the Prime Minister. The belvedere, it is now transpiring, was built with the sole intention of impeding families who own land in the area from developing their land. Any development would block the splendid sea and country views which the Gozo Minister's driver has from his home. ...*[12].

Apparti l-kliem utilizzat fl-artikolu in kwistjoni, l-aqwa prova da parte ta' l-attriċi li l-artikolu in kwistjoni kien effettivament malafamanti fil-konfront tagħha tinsab f'dak deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Andrew Vella et v. Kummissarju ta' l-Art et, Rik. Nru. 40/08** deċiża fit-23 ta' April 2010[13] u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza pronunċjata fit-30 ta' Settembru 2011.

Fl-imsemmija proċeduri kostituzzjonali, istitwiti anke kontra l-Ministru Għal Għawdex, ir-Rikorrenti kienu allegaw, fost affarijiet oħra, aġir diskriminatorju da parte tal-Gvern fil-konfront tagħhom. Fir-rigward ta' din l-allegazzjoni partikolari, fejn kien hemm allegazzjonijiet serji anke fil-konfront tal-Ministru Għal Għawdex, attriċi fil-proċeduri odjerni, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza Kostituzzjonali Tagħha ddikjarat li: *għar-rigward ta' l-ilment dwar diskriminazzjoni, bażata fuq il-fehmiet politiċi tar-rikorrenti, din il-Qorti ssib li dan l-ilment ukoll mhux ġustifikat. Kif ingħad, il-proġett kellu l-bidu tiegħu fl-1984 meta f'Malta kien hemm Gvern Laburista, u tkompla u ġie fi tmiemu taħt Gvern Nazzjonalista. L-ewwel esproprjazzjoni saret fl-1991 meta l-Prim' Ministru ta' Malta kien Dr. Eddie Fenech Adami u President Dr. Vincent Tabone; dawn bdew jagħtu effett legali lill-iskema li kienet inbdiet fl-1984, meta il-Prim'*

[11] Carter-Ruck, On Libel and Slander, 3et Ediz (1985) pg. 31 - kif ċitat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Onor. John Dalli v. Gino Cauchi, Ċitaz. Nru. 2448/00** deċiża fid-9 ta' Ottubru 2002, ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronunċjata fit-12 ta' Lulju 2005.
[12] Fol. 2 u 3 tal-proċess.
[13] Esebita mill-attriċi permezz ta' Nota ppreżentata fis-26 ta' April 2012, fol. 48 sa' 67 tal-proċess.

*Ministru ta' Malta kien Dr. Karmenu Mifsud Bonnici u f'kull każ ma jidhirx li kien hemm motivazzjonijiet politiċi partiġġiani wara l-ħsbijiet taż-żewġ Gvernijiet li, milli jirriżulta, kienu motivati biss b'interess ambjentali. Ma kien hemm ebda oppożizzjoni għall-proġett f'dawk iż-żminijiet u dak li seħħ fl-2008 kien biss kontinwazzjoni ta' dak li seħħ qabel.* ***Veru li din l-aħħar esproprjazzjoni saret meta l-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, kienet qed isservi ta' aġent Prim' Ministru u gawdew minnha residenti li l-aktar li jappoġġja huwa l-partit li din timmilita fih, però ma jirriżultax li l-esproprju sar minħabba l-intervent tagħha. Mhux eskluż, anzi hu probabbli li r-residenti tal-lokali li kienu ta' fehma politika bħal tal-Ministru Debono, meta raw l-insistenza tar-rikorrenti biex itellgħu l-ħajt, kellmuha jew għaddewlha xi kummenti dwar x'kien qed jiġri però ma jirriżultax li hi interveniet fil-materja jew tat xi ordnijiet biex jiġu aġevolati l-kostitwenti tagħha. Ġie ppruvat li d-deċiżjoni għall-esproprjazzjoni ħadha s-Sur Albert Mamo, li jokkupa l-kariga ta' Kummissarju ta' l-Artijiet, wara li ddiskuta l-materja ma' avukati fl-uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali, u dan ha dik id-deċiżjoni biex jissalvagwardja l-belvedere u mhux għax qaltlu xi ħaġa l-Onor. Ministru Debono. Fil-fatt, irriżulta li d-deċiżjoni għall-esproprjazzjoni ttieħdet fl-14 ta' Marzu 2008, waqt laqgħa fl-uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali li attendew għaliha, l-imsemmi Albert Mamo, Dr. Peter Grech u Dr. Hubert Theuma, avukat anzjan u avukat rispettivament fl-uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali, u ma tirriżulta ebda pressjoni jew ordni politika fir-rigward. Darba li ttieħdet din id-deċiżjoni, il-Ministru għal Għawdex ġie infurmat u mitlub jieħu l-passi sabiex issir l-esproprjazzjoni. Din imbagħad saret meta l-Onor. Giovanna Debono kienet aġent Prim' Ministru, iżda ma saritx minħabba fiha jew wara pressjoni tagħha[14].*** *Ma ġiex muri li r-rikorrenti ġew trattati b'xi mod diskriminatorju. Ma ġiex muri li, f'sitwazzjonijiet simili, l-awtoritajiet imxew b'mod differenti magħhom milli mxew ma' oħrajn. Ma ġiex muri, lanqas, li sar dak li sar minħabba t-twemmin politiku tar-rikorrenti u/jew tar-residenti tat-triq adjaċenti l-belvedere, u, minn dak li jirriżulta, jidher li l-ħsieb kien dejjem motivat b'interessi ambjentali. L-esproprju ta' l-2008 ma kellu ebda ħsieb ulterjuri ħlief li jipproteġi l-esproprju li kien sar fl-1991, u kif ġia ingħad, għalkemm setgħu gawdew b'mod dirett xi sezzjoni ta' nies partikolari, l-esproprjazzjoni ma saritx minħabba fihom, iżda fl-interess ġenerali biex tibqa' gawduta l-veduta in kwistjoni. Kif osservat l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawża "Frendo Randon et v. Kummissarju ta' l-Artijiet et" deċiża fl-10 ta' Lulju 2009 u b'referenza għall-ġurisprudenza anterjuri: "Mhux eskluż li proprjetà tiġi esproprjata fl-interess pubbliku għax kien hekk meħtieġ biex tiġi assigurata l-attwazzjoni kompleta ta' proġett ta' utilità partikolari fil-kuntest ta' l-iżvilupp partikolari taż-żona jew biex tagħti lok, per eżempju, għall-espansjoni futura ta' l-istess proġett." L-interess huwa privat meta*

[14] Enfasi ta' din il-Qorti.

*m'għandux applikazzjoni għall-ġeneralità taċ-ċittadini, ta' l-unversalità tal-pubbliku fl-istat. Fil-każ taħt eżami, l-esproprjazzjoni, anke bil-mod li saret u meta saret, manifestament kellha applikazzjoni ta' benefiċċju għall-kollettività;*

(2) li dan l-artikolu effettivament jirreferi għaliha; u anke

(3) li twassal lil terzi, haġa din evidenti ladarba hawn qed nitkellmu fuq artikolu mxandar fuq is-sit tal-gazzetta elettronika maltastar.com.

Stabbiliti dawn l-elementi jsegwi li huwa l-konvenut li issa għandu l-oneru li jipprova li l-artikolu in kwistjoni ma huwiex libelluż fil-konfront ta' l-attriċi in kwantu jikkonsisti f'espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament jew *value judgement* tal-ġurnalist u huwa *fair comment* magħmul in buona fede fuq materja ta' interess pubbliku, hekk kif ammissibbli kemm taħt il-Liġi ta' l-Istampa kif ukoll taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

Filwaqt li ma hemmx dubju li l-materja trattata fl-artikolu hawn kontestat setgħet kienet wahda ta' interess pubbliku, ma hemmx dubju li l-qofol tal-kwistjoni kollha hija dwar jekk dak hemm riportat u espress jikkostitwixxix eżerċizzju leġittimu tad-dritt ta' kronaka, *value judgement* u *fair comment* ta' l-artikolist, ossia tal-konvenut.

Fir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Etienne Bonello DuPuis noe v. Alfred Grixti, Appell Ċivili Nru. 778/01** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-15 ta' Diċembru 2003: *huwa paċifikament riċevut illi d-divulgazzjoni ta' fatti allegatament leżivi tar-reputazzjoni tal-persuna li tħossha diffamata tista' titqies eżerċizzju leċitu tad-dritt ta' riputraġġ jew espressjoni ta' opinjoni jekk, u apparti l-korrettezza ta' l-esposizzjoni, tissodisfa l-kondizzjoni tal-verità oġġettiva tal-fatti esposti. Dan, s'intendi, dejjem, jekk dawn l-istess fatti jkunu r-riżultat ta' riċerka serja u diliġenti. Ifisser allura illi fejn jiġi stabbilit illi l-fatt attribwit kien inkomplet jew addirittura inveritier dan jagħti lok għal leżjoni tar-reputazzjoni personali. Una volta, imbagħad, tiġi provata l-leżjoni, id-dannu jitqies 'in re ipsa'. F'każijiet bħal dan ġie ampjament denotat fi skorta ta' sentenzi illi 'l-eċċezzjoni tal-'fair comment' li għandha jkollha bħala bażi fatti veri fil-kompletezza tagħhom, ma tistgħax lanqas biss tiġi kontemplata. ... Għall-kuntrarju fejn il-fatti jkunu sostanzjalment veri eċċezzjoni konsimili hi konsentita. ... Issa hu minnu dak ritenut illi l-kritika timmira biex wieħed iforni ġudizzju u l-valutazzjoni personali tiegħu. Dan in omaġġ għall-manifestazzjoni ħielsa tal-ħsieb, kostituzzjonalment garantita. Jibqa' l-fatt però illi biex ma titqiesx vjetata w anzi tkun aċċettata jew aċċettabbli, din l-istess kritika trid tkun bażata fuq fatti li essenzjalment iridu jikkorrispondu għall-verità. Kif elokwentement preċiżat fid-deċiżjoni fl-ismijiet "Lino Debono v. Saviour Balzan" Appell, 27 ta' April 2001, id-dritt tal-kritika ma għandux 'jissarraf f'liċenzja da parti ta' min jagħmel il-kritika li jaddebita fatti li ma jkunux sostanzjlament veri u korretti. Min ilissen diskors malafamanti kellu, biex jeżimi ruħu minn kull responsabilità, jkun f'posizzjoni illi jiprova li tali*

*malafama fil-forma ta' kumment kritiku kienet tirreferi għal u tkun marbuta ma' fatti li jkunu sostanzjalment veri. Il-prova f'dan ir-rigward tal-verità tal-fatti ma setgħetx allura tkun inċerta jew approssimattiva għax altrimenti ma toħloq xejn ħlief innuendo u dubbju." … Kif issokta jiġi ritenut "il-ġurisprudenza ewropeja ma abbandunatx il-massima sagramentali li l-fatti huma sagri u l-kummenti huma veri. Jekk xejn illustrathom sal-punt illi teżiġi biss illi l-fatti jkunu sostanzjalment veri filwaqt li estendiet u għadha qed testendi l-parametri tal-limiti tal-kumment speċjalment fil-konfront ta' persuni fil-ħajja pubblika u fuq materji ta' interess pubbliku anke lil hinn sewwa minn dak li kien qabel aċċettat bħala leġittimu" "Onorevoli Perit Charles Buhagiar v. Ray Bugeja noe" Appell, 25 ta' Mejju 2001. Importanti f'din is-sentenza dak li ssokta jingħad fiha, jiġifieri, illi l-Qorti 'trid biss tafferma l-prinċipju illi l-libertà ta' l-istampa ma timplikax liċenzja għall-inġurja b'addebiti ta' fatti foloz intiżi biex iħammġu l-fama u l-integrità ta' ħaddieħor u pubblikati mingħajr l-iċken sforz ta' verifika". Ex abundantia l-Qrati tagħna sottolinejaw il-punt illi f'ċirkustanzi konsimili, d-difiża tal-kumment ġust tisfuma għax kif inhu loġiku 'the defence of fair comment does not extend to cover mis-statement of facts, however bona fide'. … Huwa għalhekk bil-wisq raġunat li f'każijiet bħal dawn il-liġi ġustament taħseb għat-tutela riżarċitorja, anke għaliex l-ebda kumment ma jista' jikkwalifika bħala 'fair' jekk il-fatti rakkontati li fuqhom l-istess kumment hu fondat ma jikkorrispondux għall-verità.*

Anke d-difiża tal-*value judgement* tiddependi fuq il-verità tal-fatti fuq liema jiġi espress tali *value judgement*. In effetti kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **L-Onor. Avukat Dr. Louis Galea v. L-Onor. Prim' Ministru Dr. Alfred Sant, Ċitaz. Nru. 945/97**, ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronunċjata fis-17 ta' Ġunju 2005, fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet "Lingens v. Austria" (1986) ingħad li: *in the Court's view a careful distinction needs to be made between facts and value judgements. The existence of facts can be demonstrated, whilst the truth of value judgements is not susceptible of proof. The Court notes in this connection that the facts on which Mr. Lingens founded his value judgements were undisputed, as was his good faith…". Illi dan ġie kkonfermat fil-kawżi "Obershlick v. Austria" (1991) u "Schwabe v. Austria" (1992) u "Castells v. Spain" (1992) fejn ġie indikat li l-limiti ta' kritika huma ikbar meta diretti lejn il-Gvern tal-ġurnata anke iktar ħafna minn dawk possibbli fil-kuntest ta' ċittadin privat u anke fil-każ ta' individwu fil-politika, però imkien fl-istess sentenzi, inklużi f'dawk l-iktar riċenti ta' "Bladet Tromso and Stensaas v. Norway" (1999), "Bergens Tiende and others v. Norway" (2000) u "Fuentes Bobo v. Spain (2000) ma jingħad li jistgħu jiġu attribwiti fatti mhux veri lill-persuna anke jekk din għandha posizzjoni pubblika, u dak li jissejjah bħala "value judgement" għadnu wkoll jiġi bbażat fuq fatti u mhux fuq invenzjonijiet, u dan in verità u fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma jistax ikun mod ieħor għaliex ma jistax ikun hemm "value judgement" jekk almenu dan ma jkunx ibbażat fuq il-verità u l-fatt rejali, għaliex altrimenti kif jista' jkun li tali "ġudizzju" jkollu xi "valur"?.*

Applikati dawn il-prinċipji ġuridiċi għall-każ in eżami l-Qorti tqis li l-konvenut ma rnexxilux jissosstanzja d-difiża tal-*fair comment* u tal-*value judgement* u wisq inqas ta' l-eżerċizzju leġittimu tad-dritt ta' kronaka stante li mill-provi minnu prodotti jirriżulta evidenti li l-artikolu hawn kontestat huwa bbażat esklussivament fuq allegazzjonijiet u assunzjonijiet li għamlu l-konjuġi Vella mingħajr l-ebda tentattiv u wisq inqas sforz da parte tal-konvenut li jivverifika dak minnhom allegat, partikolarment fil-konfront ta' l-attriċi.

Il-kwistjoni kollha hija bbażata fuq il-fatt li fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' April 2008[15] deheru s-sewgwenti żewġ avviżi: l-avviż Nru. 284 minn liema jirriżulta li b'effett mit-3 ta' April 2008 sakemm il-Prim' Ministru ta' dak iż-żmien kien se jdum imsiefer, l-attriċi, dak iż-żmien Ministru Għal Għawdex, kienet se tassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Aġent Prim' Ministru **u** l-avviż Nru. 285 li kien dikjarazzjoni tal-President ta' Malta relattiva għall-akkwist ta' biċċa art tal-kejl ta' madwar 112-il metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern Ċivili, mill-Punent ma' proprjetà ta' Peter Vella u oħrajn u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Andrew Vella u oħrajn, jew irjieħ verjuri.

Dan l-aħħar avviż kien jikkonċerna art di proprjetà ta' Lorena u Andrew konjuġi Vella, dwar liema art kienu ilhom diversi snin il-Qorti biex jottjenu l-permess għall-iżvilupp tagħha, permess li skonthom kien qed jiġi miċħud biex jiġu akkomodati id-driver ta' l-attriċi u xi familjari tagħha. Fir-rigward ta' dan l-avviż, li ħareġ fl-istess żmien li l-Qorti kienet ordnat l-esekuzzjoni ta' sentenza li kienet ġiet pronunċjata favur l-konjuġi Vella għas-salvwgwardja tad-drittijiet ta' proprjetà tagħhom, Lorena Vella ddikjarat: *injoraw* (ossia l-Gvern tal-ġurnata) *is-sentenza tal-Qorti totally u baqgħu sejrin. Imbagħad kif diġa' għedt meta l-Qorti ddeċidiet fl-2008 li aħna inkomplu bis-sentenza u ma setgħux jintervjenu iżjed, insibu li waqt li kienet standing in for Prime Minister Giovanna Debono she expropriated our land li rbaħna kollox bil-Qorti plus our piece of land. ... Fuq dak li ġġelidna fl-2008 u xi xahar wara ġiet expropriated jiġifieri lanqas xahar wara li rbaħna s-sentenza. Imbagħad dak li rbaħna aħna u dak li konna qed niġġieldu għalih qisu nħall kollox b'daqqa ta' firma tal-poter qisha vendikazzjoni*[16].

Għalkemm Lorena Vella kjarament iddeċidiet li l-esproprazzjoni seħħet b'ordni w intervent dirett ta' l-attriċi li fiż-żmien in kwistjoni kienet Aġent Prim' Ministru u dana anke a bażi tal-fatt li l-avviż Nru. 284 u l-avviż 285 kienu ppubblikati fl-istess ħarġe tal-Gazzetta tal-Gvern, mistoqsija in kontro-eżami *Prim' Ministru, hu min hu, kif jidħol fil-proċess ta' esproprjazzjoni?* wieġbet *jiena ma nafx dan xi jfisser, jiena qed nirrispondi dak kollu kif mess lili u x'rajt jiena*. Mistoqsija ulterjorment *għidlina daqsxejn kif il-Prim' Ministru jidħol fil-proċess ta' esproprjazzjoni?* wieġbet *jekk il-Ministri tiegħu jippuxjaw biex jagħmel xi ħaġa nassumi li din issir*. Mistoqsija *jiġifieri qed tassumi li ħadd qed jippuxja lil ħadd?* Lorena Vella wieġbet *mhux nassumi imma naf biċ-ċert*. Mistoqsija tispjega din l-aħħar affermazzjoni tagħha, Lorena Vella ddikjarat *kif jirriżulta fil-Qorti kien hemm pressjoni kbira minn naħa ta' xi ħadd li mhux*

[15] Dok. "CSH" a fol. 14 sa' 17 tal-proċess.
[16] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2015, fol. 85 sa' 95 tal-proċess.

*ħabib imma hu x'inhu x-xufier tal-Ministru u naf ukoll il-kuġina ta' Giovanna u hemm Joe Camilleri ukoll li ma ħallewhx jibni. Dan xtara biċċa raba mal-kuġina tiegħu u wieħed bena l-art li tiġi tal-kuġina ta' Giovanna u tiegħu ġiet expropriated u għadu għaddej biha.* Mistoqsija mill-ġdid *kif jidħol il-Prim' Ministru fil-proċess ta' esproprjazzjoni?* Lorena Vella wieġbet *kif għedtlek if he was pushed biex isiru xi affarijiet iressaq il-mozzjonijiet u jgħin* u mistoqsija minn ressaq il-mozzjoni wieġbet *I'm sure il-Ministru Giovanna Debono.* Mistoqsija tissostanzja din l-allegazzjoni tagħha Lorena Vella ddikjarat *jekk mix-xhieda rriżulta li huma minn dejjem xtaqu li ma jinbeniex. ... Dawn l-istess nies għax huma għamlu l-firem b'petition biex aħna ma nibnux hemmhekk ukoll jiġifieri dana mal-Kunsill Lokali tan-Nadur l-istess nies, imbagħad għax ma setgħux jimxu l-Kunsill Lokali ħa kollox il-Ministeru għal Għawdex and this is the truth. ... mela dawn kienu jistejkaw il-Local Council u kien ikun hemm il-minutes u jiena kont niffolowja kelma b'kelma x'inhu jiġri. Imbagħad once li aħna waqqafnihom u ma setgħux jimxu iżjed ħa kollox f'idejh il-Ministeru t'Għawdex. ... Naf b'dak li qrajt mill-korrispondenza tal-Kunsill Lokali u mill-minuti tal-Kunsill Lokali għaliex għalija kienet ħaġa personali għax ma xtaqtx nidħol fi trouble, jiena kull ma xtaqt nibni r-residenza tiegħi u għadni s'issa noqgħod ma' missier ir-raġel u għandi żewgt itfal u ngħixu ġo kamra waħda. Jiġigieri lili messitni personalment.* Għall-osservazzjoni *jiena minix qed ngħidlek xejn, sew qed tagħmel qed tiġġieled għad-drittijiet tiegħek iżda però l-kawża mhux qiegħda fuq id-drittijiet tiegħek jekk għandek raġun jew le; il-kawża fuq il-Prim' Ministru meta kienet acting Giovanna Debono ffirmat il-proċess li jiffirma l-Prim' Ministru..* Lorena Vella wieġbet *mela ħa ngħidilkom xi ħaġa oħra, meta kont qed nagħmel ir-riċerki biex nara għaliex kien qed isir dan l-inġustizzja miegħi, kont mort l-Isptar il-qadim u kien hemm avukat tal-Lands u lil dan għedtlu għaliex kienu qed jagħmluli dawn l-affarijiet għedtlu ma naħsibx li l-Ministru daqs kemm tidher li hi allright, għax jiena ma kellix connection magħha u jiena ma kontx naf min hi għaliex jiena mill-Canada. Hu kien qalli hekk: "jekk tkellimni l-Ministru għal Għawdex jiena rrid inwaqqaf kollox minn idejja". Mort għandha u bdiet tgħidli "ma tarax mhux ħa nagħmel dawn l-affarijiet" u dana kien fis-siegħa ta' filgħodu darba però ma nafx id-data eżatt. Meta qaltli li mhux ħa tagħmilli affarijiet hekk jiena bdejt nuriha l-karti u hi ma setgħetx tirrispondi u qisha ma felħitnix hemm quddiemha.* Għall-osservazzjoni ulterjuri *dik hija konklużjoni tiegħek però il-kliem tagħha li qalet "jiena f'dawn l-affarijiet la nindaħal u m'għandix x'naqsam"...* Lorena Vella wieġbet *però hi titfa' il-ġebla u taħbi idha, dik hija l-kelma għax hi tagħmel kollox u n-nies jagħmlu l-affarijiet.* Fuq insistenza *imma l-kelma li qaltlek kienet "jiena la qed nindaħal favur u lanqas qed nindaħal kontra, mhijiex biċċa tiegħi din"...* Lorena Vella kompliet *quddiemi hekk qalet imma imbagħad meta bdejt nuriha l-korrispondenza ma setgħetx titkellem għaliex kollox ġie kontriha jiġifieri malli urejtha l-affarijiet dokumentati tal-Qorti ma felħitx titkellem u bdiet tipprova ċċempel u ma bediex jirrispondi, ma kellhiex kelma oħra xi tgħidli, għedtilha 'allright you just answered me għax urejtni għax ma ridtx tgħini' u ħriġt kontriha u qbadt u ħriġt il-barra*[17].

[17] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2015, fol. 85 sa' 95 tal-proċess.

Lorena u Andrew konjugi Vella marru b'dawn l-allegazzjonijiet u assunzjonijiet għand il-maltastar.com u l-konvenut, bla ebda tip ta' verifika dwar is-sinifikat ta' l-avviżi li deheru fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' April 2008 u mingħajr ebda tip ta' riċerka dwar il-proċedura ta' l-esproprjazzjoni u kif jinkwadra l-Prim' Ministru fiha għaddha biex jikteb l-artikolu hawn kontestat u fis-7 ta' April 2008 ippubblikah fuq is-sit tal-gazzetta elettronika li tagħha kien Editur. Di fatti fil-kontro-eżami tiegħu waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2012[18], għall-osservazzjoni *dak li ġie pubblikat bażikament qiegħed jgħid illi Giovanna Debono abbużat mill-poter bħala aġent Prim' Ministru biex ħarġet l-expropriation jew whatever kienet…* mill-ewwel irribatta billi qal *qed tallega l-familja.* Filwaqt li kkonferma li effettivament irrapporta dak li kienet qed tallega il-familja Vella, għall-mistoqsija *Giovanna Debono bħala Ministru t'Għawdex u il-Prim' Ministru, ivverifikajt int jekk għandhomx x'jaqsmu ma' esproprjazzjoni?* il-konvenut wieġeb *le.* L-unika verifika li jirriżulta li għamel il-konvenut kienet li *jiena vverifikajt li fuq l-istess Gazzetta tal-Gvern kien hemm li Giovanna Debono inħatret aġent Prim' Ministru. Eżatt taħtha l-akkwist ta' l-art min-naħa tal-Gvern.* Għall-konvenut dan kien biżżejjed bħala konferma li kien hemm abbuż ta' poter da parte ta' l-attriċi u ppubblika artikolu fejn kjarament jakkużaha b'tali allegat abbuż ta' poter kif allegat mill-familja Vella. Huwa ġġustifika l-għażliet tiegħu bil-mod segwenti: *jiena qed ngħid li tant kien hemm il-Ministru Giovanna Debono involuta matul il-kwistjoni kollha anke permezz tad-driver tagħha minħabba li kien hemm fil-każ hi dejjem kellmu lilha, anke f'każijiet oħrajn. … Kien hemm diversi każijiet fejn anke l-familji. Il-familja stess resqet lejn il-Ministru* iżda imbagħad mistoqsi jgħid x'qalet l-attrici lil dawn il-familji li skontu resqu lejha, il-konvenut sempliċement wieġeb *ma nafx x'qaltilhom, però kien hemm id-driver tal-Ministru hemmhekk u inżerta li fl-istess ġurnata li hija aġent Prim' Ministru inħarġet l-akkwist ta' l-art.*

Għalkemm il-konvenut persistentement jgħid li jaf bl-involviment ta' l-attriċi fil-kwistjoni, finalment jidher li t-tagħrif kollu li għandu u li a bażi tiegħu għażel li jikteb u jippubblika l-artikolu in kwistjoni huma biss l-allegazzjonijiet tal-familja Vella tant illi ddikjara *il-familja qed tgħid u jien qed nirrapporta.* Il-konvenut mhux biss ma vverifikax il-proċedura għall-esproprjazzjoni ta' art iżda lanqas biss ivverifika jekk il-proċess ta' l-esproprjazzjoni ta' l-art tal-familja Vella kienx komplut qabel il-pubblikazzjoni, ossia li l-proċess per se kienx ġia komplut fi żmien metq l-attriċi kienet qed tkopri l-kariga ta' Aġent Prim' Ministru u kien fadal biss il-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali fir-rigward. In effetti għall-mistoqsija tal-Qorti *taqbel illi l-proċess ta' l-esproprjazzjoni biex finalment ġie ppubblikat fil-fatt kien komplut minn qabel dik il-pubblikazzjoni?* il-konvenut wieġeb *le, ma nkunx naf.* Mistoqsi ukoll *skond int kif abbużat mill-kariga li kellha ta' acting Prime Minister?* il-konvenut bla ebda eżitazzjoni ta' xejn wieġeb *dawn il-familja li japproċjaw lil maltastar.com qed jgħidu li kien hemm abbuż ta' poter min-naħa ta' Giovanna Debono.* Mistoqsi ulterjorment *imma issa tajjeb jew ħażin qalulek u inti issa qiegħed l-editur responsabbli li fl-aħħar trid teditja u tiskarta l-imbarazz, inti trid tirrispondini, kif int ħallejt u ippermettejt li tiġi ppubblikata xi ħaġa li qed*

[18] Fol. 70 sa' 75 tal-proċess.

*jgħidu huma li ovvjament inti suppost stqarrejtha li inti qed tgħid isma' ħa nippubblikaha din għax veru li din abbużat mill-kariga tagħha ta' acting Prime Minister?* il-konvenut wieġeb *jiena ħassejtha, anke minħabba diversi stejjer li konna segwejna qabel, li kelli nippubblika dik l-allegazzjoni.* Minkejja l-fatt li l-konvenut jikkontendi li kien hemm fatti oħra - hu jsejħilhom stejjer oħra - li skontu juru li l-attriċi kienet abbużat mill-posizzjoni tagħha ta' Aġent Prim' Ministru, dawn il-fatti ma ġewx minnu ppruvati permezz ta' provi u/jew xhieda quddiem din il-Qorti, iżda straħ biss fuq l-allegazzjonijiet avvanzati mill-familja Vella fil-konfront ta' l-attriċi.

Għalkemm il-konvenut esebixxa diversi traskrizzjonijiet ta' xhieda mill-proċeduri fl-ismijiet "Joseph Camilleri v. Ministru għall-Iżvilupp et" Rik. Kost. Nru. 358/91 u fl-ismijiet "Joseph Camilleri v. Kummissarju ta' l-Artijiet et" Rik. Kost. Nr. 25/01, konvenjentement, u sa' ċertu punt anke b'nuqqas ta' rispett lejn il-Qorti, huwa naqas milli jgħid kif dawn il-proċeduri setgħu taw raġun u/jew sostenn lill-allegazzjonijiet diretti fil-konfront ta' l-attriċi fiż-żmien meta hija kienet qed tkopri tal-kariga ta' Aġent Prim' Ministru. Il-Qorti tqis li in verità l-ewwel proċeduri li nfteħu fl-1991 ftit li xejn jistgħu jiftgħu dawl fuq dak li seta' jew ma setgħax ġara fl-2008 stante li dawn il-proċeduri bħala fatt marru *sine die* fis-26 ta' Marzu 1999 u ġew dikjarati deżerti fit-2 ta' Mejju 2000. Mis-sentenza relattiva għall-proċeduri bir-Rikors Numru 25/01 mogħtija fis-7 ta' Frar 2012, liema sentenza però il-konvenut għażel li ma jesebihiex għalkemm ġie deċiża ben tlett snin qabel ma esebixxa t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Giovanna Debono f'dawk il-proċeduri, jiriżulta li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) qalet is-segwenti dwar l-allegat rwol ta' Giovanna Debono fl-esproprazzjoni in kwistjoni: *illi Camilleri jagħmluha ċara li ġara dak li ġara fuq l-art tagħhom minħabba l-fehma politika tar-rikorrent u minħabba s-sehem attiv tiegħu fil-politika marbut ma' partit politiku partikolari. Iżidu jgħidu li dak li sar, ġara minħabba l-insistenza ta' nies ta' fehma politika li ma taqbilx ma' partit politiku partikolari. Iżidu jgħidu li dak li sar, ġara minħabba l-insistenza ta' nies ta' fehma politika li ma taqbilx ma' tagħhom u li huma midħla mal-partit oppost. Mhux hekk biss, imma jibnu l-każ fuq il-fatt li wieħed mill-persuni li ħabrek sa' minn dejjem biex l-art ma tinkisibx minn Camilleri u, wara li nkisbet minnu, biex ma tinbeniex, kien sewwasew persuna li għal żmien twil kien canvasser u issa attwalment ix-xufier tal-Ministru msejħa fil-kawża. Illi l-Qorti tifhem sewwa dak li Camilleri jressqu quddiemha u dan, fil-qafas ta' sistema politiku li għadu mwaħħal f'ideja ta' paternaliżmu u, aktar u aktar, f'komunità żgħira fejn kulħadd "jaf" lil kulħadd u kulħadd jaf fuq kulħadd, jista' jagħmel ħafna sens għall-każ tagħhom. Iżda l-Qorti qieset sewwa l-provi mressqa u rat kulma tressaq quddiemha b'moħħ miftuħ, u waslet għall-fehma li hemm fatti partikolari li ma jwasslux għal dak li jridu r-rikorrenti. L-aktar fatt rilevanti li joħroġ fil-beraħ huwa dak li d-Dikjarazzjoni ta' l-Esproprju nħarġet l-ewwel darba (fl-1985) meta Camilleri lanqas biss kienu għadhom tħajru jiksbu l-art. L-istess jingħad dwar it-tieni Dikjarazzjoni (fl-1991), u hawn il-Qorti terġa' tirreferi għall-konsiderazzjonijiet li saru aktar qabel dwar l-episodju tal-konvenju u dwar l-għarefien tal-fatti min-naħa ta' Camilleri. Fit-tieni lok, l-ewwel darba li l-art ittieħdet, la l-Ministru msejħa fil-kawża u lanqas il-Partit li miegħu timmilita ma kienu fil-Gvern, u għalhekk l-għan li għalih l-art ittieħdet ma*

*seta' qatt maħsub li jsawwat lir-rikorrent. Illi,* ***minbarra dan, it-teħid ta' l-art biex isir il-belvedere ma sarx fuq deċiżjoni jew ordni ta' l-imsemmija Ministru imsejħa fil-kawża, iżda minn awtoritajiet pubbliċi oħrajn, u dawn ma ntwerewx li għamlu dan immeddijin minn motivazzjonijiet politiċi jew minn atteġġjamenti vendikattivi fil-konfront ta' Camilleri. Hemm xhieda a tempo vergine li tixhed li l-ħsieb li jsir il-belvedere kien motivat minn raġunijiet ambjentali. Iċ-ċirkostanzi mhux wisq ortodossi fejn il-proġett li kien inbeda mill-Kunsill Lokali u (wara l-ħruġ ta' Mandat Inibizzjoni) tkompla mill-Ministeru Għal Għawdex taħt id-Direttur imsejjaħ fil-kawża, ma jistgħux jingħadu li saru b'mod diskriminatorju politiku, għalkemm mhux eskluż li sar għal gwadann politiku. Iżda dan ma jissarrafx f'diskriminazzjoni. Lanqas ma jista' jitqies bħala diskriminatorju għall-finijiet ta' l-artikoli 45 u 14 il-fatt li n-nies li kellhom interess biex l-art ta' Camilleri ma tinbeniex kienu u, x'aktar, huma midħla tal-Ministru msejħa fil-kawża. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel tagħha l-fehma mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali*** **[fis-sentenza Andrew Vella et v. Kummissarju ta' l-Artijiet et, deċiża fit-30 ta' Settembru 2011]** ***meta qalet "id-deċiżjoni li tittieħed l-art ittieħdet mill-awtorità kompetenti u mhux mill-Ministru ta' Għawdex, u għal skop leġittimu. Il-fatt li min ma qabilx mad-deċiżjoni ma jaqbilx ukoll mal-fehma politika tal-Ministru u ma għandux aċċess faċli għall-Ministru daqskemm għandu ħaddieħor ma jfissirx li, ipso facto, saret diskriminazzjoni kontrih, kif qegħdin jaħsbu l-atturi[19].*** *Minbarra dan "… biex ma jkunx hemm diskriminazzjoni ma' min ttieħidlu l-proprjetà mhux bilfors illi trid tittieħed il-prorpjetà ta' kulħadd fl-istess inħawi. Il-prinċipju tal-proporzjonalità irid ukoll illi ma titteħidx art privata aktar milli meħtieġ għall-għan pubbliku. … Li trid l-liġi ma huwiex li ma jiġix sagrifikat l-interess privat għal dak ġenerali, iżda li meta huwa meħtieġ dak is-sagrifiċċju, min ibati jingħata kumpens xieraq.*

Li kieku l-konvenut indenja ruħu mqar jirreferi għall-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta, kien mill-ewwel jinduna li l-Prim' Ministru ma għandu l-ebda involviment fil-proċess ta' esproprjazzjoni ta' artijiet. In effetti fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri l-esproprjazzjoni ta' art għal skopijiet pubbliċi kienet issir mill-Kummissarju ta' l-Artijiet *qua* l-Awtorità kompetenti permezz ta' dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, liema dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tiġi effettivament ippubblikata fil-Gazetta tal-Gvern. Fuq tali informazzjoni ferm bażika l-konvenut kien ikun f'posizzjoni aħjar jagħraf sew is-siwi ta' l-allegazzjonijiet avvanzati mill-familja Vella fil-konfront ta' l-attriċi u jagħmel il-verifiki minnu mistennija u meħtieġa sia *qua* awtur ta' l-artikolu kif ukoll *qua* editur tal-gazetta elettronika maltastar.com dwar dawn l-allegazzjonijiet qabel ma jikteb u jippubblika artikolu fir-rigward fejn kjarament jakkuża lill-attriċi b'abbuż ta' poter fil-kariga tagħha *qua* Aġent Prim' Ministru. Ladarba l-konvenut naqas għal kollox milli jagħmel dak meħtieġ u mistenni minnu ma jistax jinvoka favur

[19] Enfasi ta' din il-Qorti.

tiegħu d-difiżi ta' *value judgement*, *fair comment* u ta' l-eżerċizzju leġittimu tad-dritt ta' kronaka in kwantu dak li huwa għamel ma huwiex eżerċizzju leġittimu tad-dritt għall-libertà ta' l-espressjoni imma biss libertinaġġ u aġir irresponsabbli li ma humiex u qatt ma jistgħu jkunu aċċettati u assekondati mill-Qrati.

Fir-rigward ta' din l-aħħar osservazzjoni l-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Sandra Caruana v. Joe Mifsud, Appell Ċivili Nru. 1195/97** deċiża fl-24 ta' Settembru 2004, fejn appuntu jingħad illi: *din il-Qorti taqbel li huwa leċitu, ħafna aktar milli qatt kien, skond il-ġurisprudenza kif żviluppat matul iż-żminijiet, li tikkritika kemm trid, diment li din issir entro ċerti limiti u li l-libertà ma tissarrafx f'libertinaġġ u f'irresponsabbiltà b'tali mod li persuna tiġi assoġġettata għal addebiti foloz li jistgħu jwasslu biex joskurawha f'għajnejn il-pubbliku. Il-libertà ta' espressjoni m'hijiex xi liċnezja li wieħed jgħid li jrid mingħajr kontroll.* Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Dr. Albert Caruana v. Gino Cauchi, Appell Ċivili Nru. 775/02** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Ġunju 2004, fejn ingħad illi: *hija regola dottrinali tal-materja aġitata, konfermata wkoll mill-ġurisprudenza, illi d-divulgazzjoni ta' aħbar permezz ta' stampat jew pubblikazzjoni hi konsiderata bħala eżerċizzju leċitu tad-dritt tal-kronaka. Dan l-eżerċizzju però jibqa' hekk leċitu sakemm jikkorrispondu u jikkonverġu fih dawn l-osservanzi prinċipali: (a) il-verità tal-fatti esposti riżultant minn riċerka serja, diliġenti u kompleta; (b) ir-rakkont irid ikun neċessarju għas-sodisfċentement ta' l-interess pubbliku li jkun mgħarraf b'fatti determinati ta' rilevanza politika jew soċjali; (ċ) il-kritika trid tkun miżmuma f'termini korretti u miżurati b'mod li ma titraxxendiex f'aggressjoni personali jew invettiva.*

Il-Qorti ulterjorment tosserva li l-posizzjoni persistentement adottata mill-konvenut li huwa sempliċement irrapporta dak allegat mill-familja Vella fil-konfront ta' l-attriċi ma tista' tkun ta' ebda suffraġju għalih stante li kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony DeGiovanni noe et noe v. Mark Lombardo et, Appell Ċivili Nru. 966/01** deċiża fl-24 ta' Novembru 2003: *jinsab opinat mill-Gatley "On Libel and Slander" Seventh Edition, para. 719: "A writer may not suggest or invent facts, or adopt as true the untrue statements of fact made by others, and then comment on them on the assumption that they are true. If the facts upon which the comment purports to be made do not exist, the defence of fair comment must fail." F'materja ta' responsabilità ċivili għad-diffużjoni ta' informazzjoni bil-mezz stampat, wieħed irid iżomm dejjem in mira fl-analiżi tal-każ partikolari dawn l-aspetti: (i) ir-riskotruzzjoni oġġettiva tal-fatti; (ii) il-valutazzjoni tal-kontenut tal-kitba; (iii) id-dritt tal-kritika li kif minn dejjem ġie awspikat għandha tkun espressa fir-rispett tar-rekwiżit ta' ċerta kontinenza u, għaldaqstant, f'termini korretti u miżurati b'mod li ma titraxxendiex f'attakki personali virulenti. Dan ifisser illi għall-iskop ta' l-iskriminanti huwa neċessarju li l-istampat ikun jikkontjeni mhux biss il-verità oġġettiva tal-fatti iżda wkoll il-korrettezza formali ta' l-esposizzjoni tagħhom. Huwa impellenti għalhekk illi qabel il-pubblikazzjoni l-fonti ta' l-istess fatti tiġi diliġentament valjata għall-fini ta' l-attendibilità tagħhom.*

Waqt it-trattazzjoni orali l-konvenut issottometta li l-attriċi kellha r-rimedju tad-disdetta fuq il-mezzi tal-media tal-partit tagħha, sottomissjoni din li fil-fehma tal-Qorti hija għal kollox insostenibbli. Jibda biex jiġi osservat li d-dritt mogħti fil-Liġi dwar l-Istampa, Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta, lil persuna li tħossha malafamata b'dak li jingħad jew jiġi pubblikat fil-konfront tagħha huwa d-dritt ta' risposta stipulat fl-Artikolu 21 ta' l-imsemmija Ligi, liema dritt ma jipprevedix rettifika/disdetta permezz ta' mezzi/pubblikazzjonijiet terzi imma rettifika/disdetta fuq il-mezz tax-xandir jew fil-gazzetta fejn ix-xandira u/jew pubblikazzjoni kontestata tkun ġiet imxandra jew ippubblikata. Apparte minn dan l-Artikolu 21(5) tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta, kjarament jipprovdi li tali dritt ta' risposta/rettifika/disdetta ma jneħħix il-jedd li tittieħed xi azzjoni oħra taħt l-imsemmi Att.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tikkonkludi li l-artikolu intitolat "Bitterly bitten Nadur families fight back, claim "abuse of power" by Giovanna" miktub mill-konvenut u ppubblikat fil-gazzetta elettronika maltastar.com fis-7 ta' April 2008, li tagħha dak iż-żmien il-konvenut kien ukoll l-Editur, huwa libelluż u malafamanti fil-konfront ta' l-attriċi u għandu bħala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tagħha.

Raġġunta din il-konklużjoni jifdal għalhekk li tiġi trattata l-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni a favur l-attrici a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward jiġi osservat li huwa ormai paċifikatament assodat illi *d-danni għandhom jiġu miżurati skond it-test tar-raġjonevolezza dipendenti fuq iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ konkret. "In judging reasonableness of the amount a reasonable proportion must exist between the sum awarded and the circumstances of the case". Fil-każ "Carmel Tonna et v. Felix Agius et" deċiża mill-Onor. Imħallef Joseph Said Pullicino, kienet irriteniet li kellha tinżamm sens ta' proporzjon in materja tal-likwidazzjoni tad-danni. Kienet il-fehma tagħha illi "l-azzjoni ta' libell, biex tkun verament effikaċi u ġusta, għandha tiġi adoperata b'ġudizzju u ċirkospezzjoni, tenut kont ta' l-inġurja, il-gravità tagħha, lejn min tkun diretta u lil min tkun maħsuba li tilħaq u x'danni konsegwenzjali diretti jew indiretti tista' tiġġenera*[20].

Fil-każ in eżami l-attrici kienet fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' l-artikolu in kwistjoni Ministru Għal Għawdex u b'hekk minħabba l-posizzjoni pubblika u politika tagħha l-livell ta' kritika lejha jista' jkun ferm ogħla milli fir-rigward ta' kwalunkwe persuna oħra. Detto ciò però l-kritika trid tkun waħda korretta u ġusta u bbażata fuq fatti ben riċerkati u verifikati u mhux sempliċement invettiva vendikattiva basta li ssir ħsara lill-persuna pubblika u politika in kwistjoni a kost ta' kollox, bħalma appuntu kien l-artikolu in kwistjoni. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-konvenut huwa kjarament passibbli għall-ħlas ta' danni a favur l-attriċi liema danni, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, qed jiġu likwidati fl-ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000).

[20] Anthony DeGiovanni et noe v. Mark Lombardo et, Appell Ċivili Nru. 966/01 deċiża fl-24 ta' Novembru 2003.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi u b'hekk tiddikjara li l-artikolu intitolat "Bitterly bitten Nadur families fight back, claim "abuse of power" by Giovanna" miktub mill-konvenut u ppubblikat fil-gazzetta elettronika maltastar.com fis-7 ta' April 2008, li tagħha dak iż-żmien il-konvenut kien ukoll l-Editur, huwa libelluż u malafamanti fil-konfront ta' l-attriċi u għandu bħala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tagħha u konsegwentement tillikwida d-danni lilha dovuti fl-ammont ta' €5,000 u tikkundanna lill-konvenut, *qua* awtur ta' l-imsemmi artikolu u *qua* Editur tal-gazetta elettronika maltastar.com, iħallas lill-attriċi s-somma ta' €5,000, bl-imgħax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati mill-konvenut.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**